QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILI

MAGISTRAT: DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 11 TA' JANNAR 2001

Avviz Nru:- 1652/99DM

Maltacom plc

vs

Philip Agius & Sons Ltd

Il-Qorti,

Rat l-avviz tas-socjeta attrici ghall-kundanna tal-konvenuti sabiex jhallsu s-somma ta' tlett mija u tnejn u erbghin liri Maltin u wiehed u disghin centezmu (Lm342.91) rappresentanti ammont dovut in konnessjoni ma' hsarat li l-konvenuti kkagunaw fuq Cable f'Imdina Road, B'Kara appartenenti lis-socjeta attrici u dana skond ma kif jidher mill-anness rapport Dok A u mill-anness kont Dok B.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-prezenti, tal-ittra ufficjali tat-22 ta' Ottubru 1999 u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta Philip Agius & Sons Ltd fejn eccepew illi:

1 T-talba attrici ghandha tigi michuda peress illi hija nfondata fid-dritt u fil-fatt stante illi kwalunkwe dannu li allegatament sar. ma sarx b'risponsabilita tal-eccipjent;

2 Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi jinkombi lis-socjeta attrici illi tipprova illi l-hsarat allegati li graw fil-'cable' taghhom fl-Imdina Road, B'Kara, kienu mhux biss saru mid-ditta konvenuta izda illi dawn il-hsarat saru minhabba xi nuqqasijiet tal-istess ditta konvenuta.

Biex jaslu ghal din il-prova, l-atturi pproducew bhala xhud lill-Overseer Joseph Bonnici illi allega illi, ghalkemm kien sar ftehim mall-konvenuti dwar l-estensjoni tat-thaffir li kellhom jghamlu fl-ewwel stadju tax-xoghlijiet taghhom, huma baqghu ghaddejjin bix-xoghol taghhom u ghalhekk ghamlu skavazzjonijiet f'parti li ma kienetx giet immarkata jew ezaminata mill-impjegati tal-Maltacom u ghaldaqstant huma responsabbli ghal hsarat illi kkawzaw.

U ghalhekk importanti illi l-atturi jippruvaw liema kienet l-estensjoni tax-xoghlijiet li kellhom jsiru fl-ewwel stadju tal-eskavazzjoni li kellhom jghamlu l-konvenuti biex b'hekk wiehed jista' jistabbillixxi jekk il-hsarat effettivament kienux graw f'lokal illi huwa barra mill-ewwel parti tal-eskavazzjonijiet.

Mid-dokumenti prodotti mill-kumpanija attrici m'hemm ebda riferenza ghall-estensjoni tal-parti li kellha tigi kkunsidrata bhala l-ewwel stadju tax-xoghlijiet li kellhom jesegwixxu l-konvenuti.

Min-naha tal-kumpanija konvenuta xehed Mario Agius, Direttur tal-istess kumpanija, illi, apparti illi jikkontradici dak kollu li qal ix-xhud Joe Bonnici prodott mill-Maltacom, kien preciz hafna fid-deposizzjoni tieghu u sahansitra anke esebixxa 'site plan' dettaljata tal-lokal b'indikazzjonijiet fuqha maghmula minn EneMalta li kienu ordnaw ix-xoghlijiet u minn fejn jirrizultaw iz-zewg stadji tal-eskavazzjoni illi kellhom jghamlu l-konvenuti.

L-istess Mario Agius issostni, u d-deposizzjoni tieghu hija iktar attendibbli, illi l-'cable' tal-Maltacom intlaqat f'post fejn mhux suppost kellhu jinstab peress illi ma giex indikat mill-Overseer tal-istess Maltacom.

Ghaldaqstant issib illi l-atturi ma waslux ghal prova soddisfacenti ta' dak illi kienu qed jallegaw u ghaldaqstant filwaqt illi tilqa l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tichad it-talba attrici;

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

……………………………..

Magt. Dr D Montebello B A LLD

S. Farrugia
Dep/Reg
Civ21